Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 14 t'April 2025**

**Kump. Nru. 293/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Ismail Saidui**
**(Numru Personali 13W-064)**
**(Karta tal-identita' Maltija/Permess ta' residenza Numru 9001066A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ismail Saidui**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija/permess ta' residenza 9001066A.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-jiem/ġranet ta' wara għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (02:00hrs) ta' filgħodu u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' basket (*pouch*), kontenenti numru ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur u liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Mateusz Skorupa u/jew persuna/persuni ohra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra; *Artikolu 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), u 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Naqas milli jirrapporta tibdil fil-partikolaritajiet tal-karta tal-identita' tiegħu lill-Uffiċjal Awtorizzat u naqas milli jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil dak l-Uffiċjal Awtorizzat. *Artikoli 19 u 24 tal-Att Dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti oħra tal-Identita', Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, tikkunsidra lil Ismail Saidui bħala reċidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra, u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex kemm-il darba ssib htija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll thaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat id-dokumenti ppreżentati fl-atti proċesswali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-14 t'April 2025, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u ċioe' wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Illi l-imputat reġa' tenna ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tiegħu, l-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammess.

**<u>Deċide</u>**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 49, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), u 280(1) tal-Kap 9, kif ukoll artikoli 19 u 24 tal-Kap 258 tal-

Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih u qed tikkundannah għal **sena priġunerija effettiva**.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Maġistrat**